

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden fid- 29 ta' Ottubru 2009 — Staatssecretaris van Financiën vs X**

(Kawża C-423/09)

(2010/C 24/36)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Hoge Raad der Nederlanden

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Staatssecretaris van Financiën.

Konvenuta: X

**Domanda preliminari**

Abbażi ta' liema kriterji għandu jiġi ddeterminat jekk ħxejjex (rjus tat-tewm), li tnixxfu sa ċertu punt, iżda li l-umdità ma tneħħitx (kważi) kollha, u li ġew importati fi stat imkessaħ, jaqgħu taħt is-subintestatura tariffarja 0703 20 00 tan-NM jew taħt is-subintestatura tariffarja 0712 90 90 tan-NM?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Symvoulio tis Epikrateias (il-Greċja) fit-28 ta' Ottubru 2009 — Christina Ioanni Toki vs Ypourgos Ethnikis Paideias kai Thriskevmaton**

(Kawża C-424/09)

(2010/C 24/37)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

**Qorti tar-rinviju**

Symvoulio tis Epikrateias

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Christina Toki.

Konvenuti: Ypourgos Ethnikis Paideias kai Thriskevmaton.

**Domandi preliminari**

(1) "L-Artikolu 3(b) tad-Direttiva 89/48/KE, "dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar ta' edukazzjoni u taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin" (ĠU L 19), kif kien fis-seħħ qabel it-tħassir tiegħu mill-Artikolu 62 tad-Direttiva 2005/36/KE (ĠU L 255), għandu jiġi interpretat fis-sens li l-mekkaniżmu ta' rikonoxximent li huwa jipprevedi huwa

applikabbli fil-każ fejn, fl-Istat Membru ta' oriġini, il-professjoni inkwistjoni hija rregolata skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(d), iżda l-persuna kkonċernata ma tkunx membru sħiħ ta' assoċjazzjoni jew ta' organizzazzjoni li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan is-subparagrafu?" u jekk ir-risposta għal din id-domanda hija pożittiva,

(2) "Skont l-Artikolu 3(b) tad-Direttiva 89/48/KEE, l-eżerċizzju ta' professjoni full-time fl-Istat Membru ta' oriġini għandu jinftiehem bħala l-eżerċizzju, kemm jekk isir minn persuna għal rasha jew bħala impjegat, tal-professjoni stess li għaliha tkun intalbet l-awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju fl-Istat Membru ospitanti taħt id-Direttiva 89/48/KEE, jew jista' wkoll jinftiehem bħala xogħol ta' riċerka f'qasam xjentifiku relatat mal-professjoni, mogħti fi stabbiliment li fil-prinċipju huwa m'għandux skop ta' lukru?".

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Symvoulio tis Epikrateias (il-Greċja) fit-28 ta' Ottubru 2009 — Vasileios Alexandros Giankoulis vs Ypourgos Ethnikis Paideias kai Thriskevmaton**

(Kawża C-425/09)

(2010/C 24/38)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

**Qorti tar-rinviju**

Is-Symvoulio tis Epikrateias (il-Greċja)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Vasileios Alexandros Giankoulis.

Konvenut: Ypourgos Ethnikis Paideias kai Thriskevmaton.

**Domanda preliminari**

"L-espressjoni 'esperjenza professjonali' li tidher fl-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 89/48/KEE "dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin" (ĠU L 19, p. 16), kif emendat mill-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2001/19/KE (ĠU L 206, p. 1), u qabel it-tħassir mill-Artikolu 62 tad-Direttiva 2005/36/KE (ĠU L 255, p. 22), tikkorrispondi mal-espressjoni 'esperjenza professjonali' li d-definizzjoni tagħha tidher fl-Artikolu 1(e) ta' din id-direttiva, u